**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**-vs-**

**Maria Pia Zammit detentriċi tal-karta tal-identita` numru 390684M; u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 11/2019*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Maria Pia Zammit u Omissis, u ċioè talli:

> Flimkien nhar il-ħamsa ta' Jannar, 2019, għall- ħabta tas sitta u nofs ta' filgħaxija u/jew ħinijiet oħra, ġewwa San Pawl Hotel, Triq il- Kaħli, San Pawl il- Baħar, u/jew postijiet oħra f' dawn il- gżejjer:

1) Ikkommettew serq ta' ġojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-lok, bil-ħin, u bil-valur li jeċċedi l- elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ), u liema serq sar għad-dannu ta' Isabelle Marte-Paul Fischer Muller, Valerie Marie-France

Muller, Delphine Marion Laure Calleetee, Marie-Lourdes Stlvie Nadal Ep Calleetee u Jean-Caluse Calleetee u/jew xi persuni oħra, bi ksur tal- artikoli 261 (b)(c)(f)(e), 263, 267, 269, 270, u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Lliġijiet ta' Malta

2) Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi u anki bejn nhar id-dsatax ta' Diċembru, 2018, għall-ħabta tal- ħdax u nofs ta' bil-lejl u nhar il-ħamsa ta' Jannar għall-ħabta tas-seba ta' filgħaxija, laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħlu biex ibiegħħuhom jew imexxuhom bi ksur tal- artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil Omissis wahedha weħida talli:

3) Bejn il-hdax ta' bil- lejl ta' nhar id-dsatax ta' Dicembru u il- ħdax u nofs ta' bil-lejl tal- għoxrin ta' Dicembru, 2018, u/jew xi ħinijiet oħra, minn ġewwa il-fond numru 14, "Flamingo", Triq l- Alka, San Pawl il- Baħar, u/jew postijiet oħra f' dawn il- gżejjer, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-lok, bil-persuna, bil-ħin, u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ), u liema serq sar għad-dannu ta' Paola Bonnici li hija persuna anzjana, u/jew xi persuni oħra, bi ksur tal- artikoli 261 (ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, u 279 (b), 257D, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

4) Ukoll talli b' hekk kisret kundizzjonijiet ta' ordni għal liberazzjoni ikkundizzjonata waqt il perjodu effettiv ta' din l- ordni, akkordati lilha nhar it- tlettax ta' Frar, 2018, mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta), hekk kif preseduta mill- Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D, u nhar l-erba ta' Ottubru, 2018, mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta), hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D, hekk kif maħsub fl-artikolu 22 tal Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

5) Ukoll talli b' hekk irrendiet ruħha reċidiva ai termini tal- artikoli 49,50, u 289 tal- Kapitolu 9 tal- liġijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, il-fedina penali netta taghha, il-kowoperazzjoni li wriet tul l-investigazzjoni u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom tal-ammissjoni bikrija taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261 (b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 279(b), 280(2) u 334(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-erba (4) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

Finalment peress li jirrizulta li dwar is-serqa mis-San Pawl Hotel saret inkjesta dwar l-*in genere*, il-hatja ghandha thallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti fl-istadju ta' dik l-inkjesta, liema ammont ghandu jigi determinat mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kodici Kriminali.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-registratur tal-Qorti Kriminali in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 392C tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**